MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 150/2013

**Appell Numru: 150/2013**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Emanuele Infurna**

Illum, 20 ta' Frar, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant Emanuele Infurna, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 21468A talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmulha b'risoluzzjoni wahda, ghax-xhur ta'

Lulju 2012 sa Novembru, 2012 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil Silvana Infurna u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Marzu, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l- Artikoli 338(z) u 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lil hati.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuele Infurna pprezentat fl-1 ta' April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tnehhi dik il-parti fejn hemm piena ta' xahar detenzjoni u minflok timponi piena anqas onoruza fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-aggravju principali huwa fuq il-piena stante li huwa tenut kont li registra l-ammissjoni bikrija f'dawn il-proceduri u spjega ghaliex kien in mora fl-ghoti u l-amministrazzjoni tal-manteniment ma kellux jinghata habs effettiv la darba inghata xahar detenzjoni;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal-ewwel aggravju hemm ukoll il-fatt li fl-imputazzjoni li huwa wiegeb ghaliha ma hemmx l-ammont ta' manteniment li ghandu jithallas u l-anqas hemm id-data u numru tad-digriet li hemm indikata fl-imputazzjoni u li ghalhekk l-imputazzjoni hija nieqsa mill-validita legali taghha u li ghalhekk hija nulla u li anke hawn il-Qorti tal-anqas kellha timponi sentenza fer inqas u zgur mhux wahda karcerarja fic-cirkostanzi.

3. Salv aggravji ohra.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellant u martu Silvana kien hemm ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni u b'digriet numru 862/2010/2 mahrug mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja tat-tlettax (13) ta' Settembru tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant kien tenut ihallas lil martu ammont ta' manteniment ghaliha u ghal binthom. Irrizulta illi bejn Lulju tal-elfejn u tnax (2012) u Novembru tal-elfejn u tnax (2012) l-appellant ma hallas xejn peress illi allega illi ma kienx qed jahdem minhabba nuqqas ta' xoghol u ma kienx f'pozizzjoni finanzjarja illi jkompli jivversa l-manteniment kif kien qieghed jaghmel. Wara rapport ta' Silvana Infurna l-pulizija procedew kontra l-appellant u b'sentenza tal-ghoxrin (20) ta' Marzu tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu wara ammissjoni u kkundannatu ghal xahar prigunerija. L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell principalment ghaliex huwa baqa' inadempjenti mhux b'kapricc izda minhabba nuqqas ta' xoghol illi huwa kellu dak iz-zmien u ghalhekk kien fl-impossibilità illi jwettaq digriet tal-Qorti tal-Familja.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet sabiex tippronuncja ruhha fuq dan il-punt rigward l-aggravju illi persuna ma tkunx tista' taqdi l-obbligazzjonijiet taghha minhabba sitwazzjoni ta' impossibiltà. Din il-Qorti taghmel riferenza ghal gurisprudenza stabilita fir-rigward. Anke jekk hu minnu illi l-appellant ma jahdimx, qabdu xi depression jew breakdown u spicca bla introjtu, il-patt minnu assunt f'kuntratt ta' separazzjoni jew obbligazzjoni minn digriet tal-Qorti jibqa' vigenti sakemm ma jsirx xi novazzjoni tal-kuntratt jew bdil tad-digriet jew bonarjament jew "ope magisterium". Sakemm il-patt kontrattwali ma jigix hekk varjat l-appellant kien u ghadu obbligat li jivversa lil martu l-ammont miftehma/obbligat. Jekk hu hass illi kienu nbidlu c-cirkostanzi kien imissu ipproceda quddiem il-Qorti

kompetenti biex ivarja dan l-obbligu tieghu u mhux jaghmel zmien ma jaghmel xejn, imbaghad meta jigi mharrek ghal nuqqas ta' hlas jecepixxi l-impossibiltà fizika li jadempixxi l-obbligi tieghu. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-kawza Il-Pulizija kontra Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998 fejn inghad, "Il-fatt li persuna tisfa bla xoghol ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili (illum Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja), obbligu sancit bir-reat ta' natura kontravenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament u fi zmien utili lill-Qorti Civili kompetenti biex din, wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment, u biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dana jsir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet." Ghalhekk ghal dak illi huwa l-meritu l-ewwel Qorti ghamlet sew fejn sabet htija u imponiet terminu ta' prigunerija li hu fil-parametri stabbiliti mil-ligi.

Jidher però illi fil-mori ta' dan l-appell il-partijiet waslu f'arrangament u sar kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fejn l-appellant assenja lil martu Silvana sehem mid-dar matrimonjali illi kellha titqies bhala lump sum payment ghall-manteniment ghall-minuri sas-sena elfejn u ghoxrin (2020). Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-verbal tas-sittax (16) ta' Jannar tal-elfejn u erbatax (2014). Jidher ghalhekk illi llum ma ghadx hemm pendenzi bejn il-partijiet rigward il-manteniment. F'sitwazzjoni bhal din minkejja illi d-dikjarazzjoni ta' htija ghandha tibqa', il-Qorti jidhrilha illi ghandu jkun il-kaz ta' temperament fil-piena kif kien sancit fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija versus Publius Said (25 ta' Settembru 2003) "l-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) kien li jsir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti biex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur ta' ordnijiet, digrieti jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...".

Ghalhekk din il-Qorti taqta'u tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet htija kontra l-appellant izda tirriformaha ghal dak li jirrigwarda l-piena u flok piena ta' xahar detenzjoni tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------